# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 10 ta' Novembru 2022**

**Att t'akkuża numru 7/2020 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Etienne FARRUGIA**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Etienne FARRUGIA** ta' 45 sena iben Joseph u Maria Dolores xebba Cutajar, imwieled Pieta' fil-5 ta' Jannar tas-sena 1977, residenti ġewwa Nru 12. Triq l-Iskola, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 84077(M) li ġie akkużat talli:

**L-EWWEL (1) KAP**

*Pussess mhux għall-użu personali tad-droga Cannabis*

Illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fuq informazzjoni li daħlet lill-Pulizija ta' kontra d-Droga senjatament lill-Ispettur Frank Anthony Tabone dwar allegat traffikar ta' droga, l-imsemmi Spettur ta struzzjonijiet lill-iskwadra tiegħu biex toqgħod għassa u ssegwi l-movimenti ta' ċertu Etienne Farrugia, minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat, li kienet indikata bħala l-persuna ta' interess f'din l-investigazzjoni. Illi fl-istess ħin l-Ispettur nforma wkoll lill-Maġistrat

tal-għassa b'tali investigazzjoni fejn fost l-oħrajn talab għall-mandati relattivi skont il-liġi biex il-pulizija tkun tista tissokta bl-arresti u tfittix u qbid rispettivi bla ebda xkiel. Illi fl-isfond ta' dan kollu, propju dak in-nhar stess, l-akkużat ġie nnutat qed jagħmel użu minn vann tal-għamla Toyota Hiace targat IBZ 482 fejn għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart (15.45) deher jipparkja l-imsemmi vann quddiem garaxx ġewwa Ħaż Żebbuġ u ftit tal-ħin wara deher idaħħal borża mdaqqsa fil-vann. Illi l-akkużat saq fid-direzzjoni ta' Santa Luċia fejn deher javviċċina vettura tal-marka Toyota Vitz ħamra liema vettura kien ġja għamel kuntatt magħha aktar kmieni dik il-ġurnata stess. Illi meta l-pulizija raw tali kuntatt kien propju f'dak l-istadju li l-pulizija preżenti fuq il-post ingħataw l-istruzzjoni li jinterċettaw kemm lill-akkużat kif ukoll il-vettura Toyota Vitz bil-għan illi jipproċedu bit-tfittxijiet u l-arresti meħtieġa bl-għajnuna tal-esperti li ġew nominati mill-Maġistrat Inkwerenti għal dan il-għan. Illi filfatt mit-tfittxija li saret ġewwa l-vann Toyota Hiace misjuq mill-akkużat il-pulizija elevat borża mdaqqsa li fiha kien hemm numru ta' pakketti kif ukoll ammont ta' flus kontanti.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq l-imsemmija borża rrizulta li fil-pakketti li kienu mgeżwra fiha kien hemm sustanza kkonfermata li kienet droga cannabis fil-forma ta' buds fl-ammont nett ta' għoxrin kilogrammi (20 kg).

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-ammont innifsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużat juru li tali droga ma' kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi l-akkużat **Etienne Farrugia** ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga.

Illi b'għemilu l-akkużat **Etienne Farrugia** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis (buds) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif

provdut fl-imsemmija Regoli, b'dana li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Etienne Farrugia** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis (buds) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu** dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **8(a), 13, 14, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)(3B), 22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Etienne Farrugia**.

## IT-TIENI (2) KAP

*Pussess mhux għall-użu personali tad-droga Ħerojina*

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fl-ewwel Kap ta' akkuża u cioe nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) minn aktar stħarriġ il-pulizija rriżultalhom li ġewwa r-residenza tal-istess akkużat li kienet tinsab ġewwa Ħaż Żebbuġ senjatament bl-isem ta' Dorjo House, Triq Ewġenju Borg, l-akkużat kellu aktar droga moħbija. Illi bl-għajnuna tal-akkużat innifsu l-pulizija għamlet tfittxija fl-imsemmi fond fejn mill-kamra tal-akkużat il-pulizija elevat baskett li fih kien hemm aktar pakketti suspettati li kienu jikkontjenu wkoll xi sustanzi lleċiti.

Illi minn eżamijiet ulterjuri tal-espert tal-Qorti rriżulta li ġewwa l-pakketti li kien hemm fl-imsemmi baskett kien hemm sustanza kkonfermata bħala droga Ħerojina, senjatament fl-ammont ta' ċirka tlett kilogrammi (3 kgs). Illi anke f'dan il-każ, l-

akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga Ħerojina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu l-akkużat **Etienne Farrugia** sar ħati talli, kellu wkoll fil-pussess tiegħu d-droga ħerojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Fabian Catania** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu** dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Etienne Farrugia** u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 9, 10, 14, 20, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(3B)**, **22(9), 22A, 24, 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi

Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Etienne Farrugia**.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat FARRUGIA nhar it-22 ta' Settembru 2020 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti :

1. Illi l-att tal-akkuza huwa null stante illi f'diversi bnadi tal-parti narrattiva taz- zewg kapi tal-att tal-akkuza hemm referenza ghal persuna ohra u cioe' Fabian Catania illi mghandux x'jaqsam mal-proceduri odjerni u dan senjatament:

**<u>Fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza</u>**

*...u jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-akkuzat Fabian Catania u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin ewro (2330) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf u hames mitt ewro (116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oggetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tieghu hekk misjub hati skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(a), 13, 14, 22 (1) (a), 22 (2) (a) (i) (3A) (a) (b) (c) (d) (3B), 22 (9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tingħata ghall-htija tal-akkuzat Etienne Farrugia*

**Fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza**

*Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ- cirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat Fabian Catania hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' autorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-gvern u b'dan ir-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu dana bi kur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;*

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, il-proceduri fl-ismijiet premessi huma nulli peress li difettuzi stante illi d-droga misjuba u analizzata mill- ixjenzat Dr. Godwin Sammut saret f'laboratorju mhux akkreditat.

Illi l-esponent jirrileva illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' on Accreditation of Forensic Service providers carrying out Laboratory Activities u Regulation [EC] No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products datata 9 ta' Lulju 2008 1-Istati Membri gew mitluba illi r-riżultati tal-attivitajiet tal- laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall- prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bhala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati ghall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru jehor. Illi dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

Illi l-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u tinsab implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji datata 29 ta' Marzu 2016.

Illi jigi rilevat illi fornituri ta' servizzi forensici jistgħu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jiġu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 li huwa mekkanizmu li jghin u li jistabbilixxi jekk laboratorji forensici jistgħux joperaw b'mod kompetenti u jiggenerawx rizultati kredibbli u attendibbli u dan sabiex jippromwovi kunfidenza fix-xoghol maghmul fl-istess Laboratorji fl-istati membri.

Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern id-droga misjuba giet analizzata mill-Ixjenzat Godwin Sammut flaboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat u allura l- analizzar tal-istess droga flaboratorju mhux akkreditat u dan ai termini ta' standards kemm barranin kif ukoll lokali senjatament standards li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 mill-Ixjenzat Godwin Sammut iwassal ghan-nuqqasijiet u pregudizzji kbar ghall-esponenti u li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess esponent stante in-nuqqas ta' konformita' ma' tali standards. Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Labortarju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal- mohh fl-esponenti illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess Xjenzat huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u r-rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan peress illi mhumiex konformi kemm mal-Ligi Sussidjarja kif ukoll mal-Ligi Ewropea.

Illi għaldaqstant stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini l-Legislazzjoni fuq imsemmija u standards barranin jikkostitwixxi nullita fil-proceduri odjemni stante ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi jigi rilevat illi l-akkuzat qiegħed jirriserva minn issa l-posizzjoni tieghu illi jintavola proceduri kostituzzjonali jekk ikun il-kaz.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, r-relazzjoni tal-espert tax-xena tar- reat PC 405 Jason Schembri inkluz l-esebiti illi gew elevati minnu u cioe' DOK 18 CRU 201, DOK 18 CRU 202, DOK 18 CRU 203, DOK 18 CRU 204, DOK 18 CRU 205, DOK 18 CRU 206, DOK 18 CRU 207, DOK 18 CRU 208, DOK 18 CRU 209, DOK 18 CRU 210 u DOK 18 CRU 211 ghandhom jigu sfilzati stante illi huwa qatt ma gie nnominat fl-inkjesta b'tali inkarigu u dan l-inkarigu inghata lill-PC 406 Sean Micallef, WPS 369 Stephanie Cassar u PC 169 Jurgen Schembri.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

4. **L-ewwel eċċezzjoni** kienet ġiet irtirata mill-akkużat matul is-seduta tat-28 ta' Lulju 2022 u dan in segwitu għal korrezzjoni tal-Att ta' Akkuża awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 19 ta' Novembru 2020, u dan fis-sensi tal-Artikolu 597(2) tal-Kodiċi Kriminali. **Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

**Ikkunsidrat**

5. Illi fit-**tieni eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-akkużat jattakka x-xhieda tal-espert forensiku Dr. Godwin Sammut u r-rapport minnu redatt kontenenti r-riżultanzi tal-analiżi li huwa għamel fuq is-sustanzi illeċiti mertu tal-kawża in diżamina u dan skont l-inkarigu mogħti lilu mill-Maġistrat Inkwirenti. L-akkużat jibbaża din it-talba fuq il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 li ġiet imqegħda fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2016 sabiex jirrifletti l-istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar 'il quddiem imsejħa 'Deċiżjoni Kwadru').

6. Illi din id-Deċiżjoni Kwadru għandha bħal skop dik li tikkrea armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal dak li għandu x'jaqsam l-analiżi f'laboratorju ta' evidenza forensika b'mod tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor u dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.[1]

7. Iżda l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru, jirrestrinġi l-iskop, ossija l-kamp tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru għal dik l-evidenza

---

[1]L-artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru jgħid hekk:

*Artikolu 1*

**Għan**

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li rriżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor.
2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

forensika li taqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji imsemmija f'dak l-artikolu:

> Artikolu 2
>
> Kamp ta' applikazzjoni
>
> Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-attivitajiet tallaboratorji li jirriżultaw fi:
>
> (a) profil tad-DNA; u
> (b) data dattiloskopika. [2]

8. In oltre, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru jispeċifika dak li għandu jinftiehem bi profil tad-DNA[3] kif ukoll data dattiloskopika.[4] Dawn id-definizzjonijiet ma jinkludux fihom sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom.

9. Għalkemm fid-definizzjoni tal-kunċetti l-iżjed fundamentali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru "attivita tal-laboratorji", "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" u "fornitur ta' servizzi forensiċi"[5] huma mogħtija tifsira wiesa', din pero trid dejjem tiġi mifhuma u mfissra fil-parametri tal-iskop u tal-kamp tal-applikazzjoni li għaliha tkun qegħda ssir dik id-Deċiżjoni Kwadru.

10. L-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop jew fil-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

11. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **The Republic of Malta vs. Tiberiu-Mihail Miculescu** deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2022 fejn fuq eċċezzjoni li kienet pratikament identika fis-sustanza tagħha, intqal:

---

[2] Dan ir-regolament huwa rifless fir-Regolament numru 3 tal-L.S. 460.31

[3] "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti nonkodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri listruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

[4] "data dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki tas-swaba', immaġini ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala talid, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati).

[5] (a) "attività tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;
(b) "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;
(c) "fornitur ta' servizzi forensiċi" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, li twettaq attivitajiet forensiċi fil-laboratorju fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji;

The Court here makes references to the decree in the names **The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onuorah** where the following was provided:

'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 200917 stipulates that:

'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.

This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.

The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation **both provide that the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do with drugs analysis**.[6] When scientist Godwin Sammut testified before this Court on the 24th March, 2021 he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:

> There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data. The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact n 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision. However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.'

12. Bl-istess mod, fil-kawża **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Ġunju 2021, intqal hekk:

30. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss **iżda r-regolament jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

> riżultanzi forsenići magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tad-dritt penali fir-rigward.' (ara digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020)'

13. Kif intqal, il-Liġi Sussidjarja 460.31 trid ukoll tinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi d-Deċiżjoni Kwadru. Ir-regolament numru 6 tal-L.S. 460.31 jagħmilha ċara kif id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli proċedurali li japplikaw f'kamp penali fuq il-valutazzjoni tal-evidenza.

14. F'dan il-każ, id-Difiża qegħda tisħaq li l-proċeduri kriminali kontra l-akkużat **huma nulli peress li difettużi** stante li d-droga misjuba u analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut saret f'laboratorju mhux akkreditat. Din il-Qorti pero ma taqbilx mal-akkużat li kif inhi l-Liġi illum ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut hija difettuża. Dil-Qorti taqbel mal-akkużat li huwa ideali li jkun hemm standards komuni applikabbli wkoll għall-kamp tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti kif ukoll li jkun hemm perkors għal akkreditazzjoni anke f'dak il-kamp. Iżda mill-banda l-oħra, kif inhi l-Liġi bħalissa ma jistax jingħad li Dr. Sammut kien qiegħed jopera u jipproduċi analiżi difettuża jew żbaljata minħabba li l-laboratorju li ħadem l-analiżi fih mhux laboratorju akkreditat. L-anqas ma jfisser awtomatikament li r-riżultanzi tiegħu ma kienux bażati fuq kunsiderazzjonijiet metodi xjentifiċi jew li kienu difettużi. Il-proċess t'akkreditazzjoni huwa tajjeb in kwantu jżid il-livell ta' kunfidenza fir-riżultat grazzi għall-metodoloġija rikjesta nonche l-proċessi ta' verifika misjuba. Iżda ġaladarba l-Liġi fis-seħħ ma tipprovdix obbligu legali għalbiex anke l-qasam tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti jsir minn laboratorju akkreditat in bażi għal proċessi akkreditati ma jistax jingħad li Dr. Sammut kien qiegħed jottjeni riżultati t'analiżi ta' sustanzi illeċiti bi ksur tal-Liġi.

15. Allura l-kwistjoni mhix daqstant jekk il-proċeduri kriminali kontra l-akkużat humiex nulli minħabba difettużi, daqskemm li r-riżultanzi tal-analiżi tas-sustanzi illeċiti magħmula minn Dr. Sammut f'laboratorju mhux akkreditat joffrux dak il-livell ta' kunfidenza għolja biżżejjed biex il-ġudikant tal-fatt ikun jista' jistrieħ fuqhhom meta jiġi biex janalizza l-kontenut ta' dak ir-riżultat b'rabta mal-akkużi miġjuba kontra l-akkużat. Il-kwistjoni għalhekk mhix daqstant dik ta' proċeduri difettużi jew ta' prova inammissibbli daqskemm jekk dik il-prova toffrix rilevanza biżżejjed, hix prova soda biżżejjed, hix attendibbli biżżejjed biex fuqha tkun tista' tissawwar deċiżjoni li minnha tiddependi l-ħtija o meno tal-akkużat.

16. Id-distinzjoni bejn dak li huwa ammissibbli bħala prova u dak li huwa inammissibbli kif ukoll dak li mbagħad jolqot ukoll ir-regola tar-rilevanza ta' dik il-prova hija kwistjoni fundamentali fl-ordinament ġuridiku proċedurali Malti. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[7] intqal hekk:

> Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli. **Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta. '**

17. Dan isegwi wkoll sensiela ta' pronunzjament preċedenti dwar din l-istess tematika. Allura, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Abdilla et**, deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 intqal li:

> 12. Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita` ta' xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio` għadhom jitressqu eċċezzjonijiet li jinjoraw din iddifferenza.
>
> Sejrin għalhekk jerġgħu jiġu ribaditi il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li ġew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:
>
> "(a) In generali inghad illi l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal 'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio' (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal 'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso' (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint missemplici rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:
> "'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso

[7] Deċiż fis-26 ta' April 2001.

la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione` ' propriamente quella di rilevanza della prova.....'
"(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS – CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta' din iddistinzjoni osservat:
"'Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f'Repubblika vs Joseph Gauci, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f'dan iddawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta ghall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar lammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum ilposizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment l-istess. L-istess Qorti ziedet tghid: '...proprjament ilkwistjoni issa tirrisolvi ruhha f'wahda ta' appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleggjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).'
"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:
"'Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti talakkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti Regina vs Paul Azzopardi, supra, u Repubblika vs Carmel Mangion et, 11 ta' Dicembru, 1975)' izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.
"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill-akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara loggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mirrilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fissentenza taghha citata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, 'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja` inghad dwar id-differenza bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta' mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' decizjoni merament fuq rilevanza

ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' decizjoni fuq ammissibilita` ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

"(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m'ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bissahha tal-artikolu 520(2) tal-istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li 'inter alia' ma thallix li jsir filprovi dak li 'ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawza'.

"(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' listess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tassmiegh tal-provi, l-istess m'ghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal 'facts in issue'. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed jigri li flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita` u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-'facts in issue'. Dan hu ezattament dak li gara fissentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b'mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati."

18. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Buhagiar**, fuq talba tal-akkużat, saret talba ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-lanjanza tal-akkużat – bħal fil-każ preżenti - kienet titratta fost oħrajn, ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba li l-analiżi tas-sustanza illeċita misjuba fil-pussess tiegħu ma kinitx saret minn espert nominat mill-Qorti ġewwa laboratorju li għandu l-akkreditazzjoni u dan kien leżiv għad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqgħetx it-talba tiegħu f'dan is-sens u kkunsidrat tali talba bħala vessatorja in kwantu kienet nieqsa minn sisien legali:

Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.

19. Dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa minn Novembru 2018 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti saret mill-espert forensiku Dr. Godwin

Sammut nhar id-29 ta' Jannar 2019. Qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar il-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-rapport tiegħu. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ fil-Liġi Maltija meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

20. Iżda għalkemm kif intqal, huwa deżiderabbli li din il-ġurisdizzjoni tadotta wkoll standards ogħla, inkluż bl-akkreditazzjoni tal-laboratorji li fihom issir l-analiżi ta' sustanzi illeċiti, sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fuq din l-istess ġurisdizzjoni sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati. Għalhekk it-testijiet u konklużjonijiet milħuqa mil-laboratorji Maltin ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi jew li saħansitra jwasslu għan-nullita' tal-proċeduri.

21. Mix-xhieda tal-istess Dr. Godwin Sammut – wara talba li saret f'dan is-sens mid-Difiża tal-akkużat – jirriżulta li l-analiżi tas-sustanzi illeċiti saret b'mod akkurat u b'rispett totali lejn l-istandards u rakkomandazzjonijiet internazzjonali, liema standards jeħtieġ li jiġu segwiti u osservati indipendentment mill-akkreditazzjoni tal-laboratorju. Anzi, kif jispjega l-espert forensiku stess Dr. Sammut, il-fatt li laboratorju ikun hemm akkreditat ma jkunx ifisser illi jkun eżenti huwa wkoll milli jaderixxi għall-obbligi ta' ikkalibrar tal-apparat utilizzat u sistema ta' verifika:

> Mela aħna għandna kollaborazzjoni l-iktar ma' ma' laboratorji ġewwa l-Ġermanja per eżempju imma xorta għandhom x'jaqsmu mal-Ewropa. Imma inti għandek ukoll guidelines li toħroġ (inaudible 00:20: 49) li hija l-European Network of Forensic Science Institutes li naraw x'inhuma dawn il-gwidi għax huma joħorġu gwidi fuq samplinh anke kif tagħmel sampling. Kif tagħmel ic-checks. Per eżempju waħda minnhom hi li l-apparat jiġi vvalidat anke fl-accreditation. Inti l-unika differenza hi li l-accreditation qed tagħmilha b'mod formali, imma aħna qed nużaw għalissa sakemm niġu akkreditati biss in biss sal-bierah stess kellna l-validation tal-apparat li nużaw għall-analiżi għas-sustanza. Dan ifisser li kull sena u anke meta tkun akkreditat irid isir kull sena. Qed ikollna validation tal-miżien, tal-pipettes iġifieri dawn kollha jsiru.
> Il-Qorti: U kien jsiru wkoll jiġifieri? Relevanti għal dan il-każ?
> GS: iva u plus għandek checks. Aħna meta nagħmlu l-analiżi, aħna nagħmlu negative control iġifieri ninjettaw fl-apparat blank, u adn nagħmluh biex aħna nkunu ċerti li l-apparat mhux se jagħtina false positive...

22. Din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha dwar aspetti li jistgħu jolqtu l-jeddijiet tal-bniedem kif imsemmija fl-aħħar paragrafu tal-aggravju sollevat mill-akkużat. Biss, huwa għandu r-rimedji miftuħa lilu jekk iħoss li xi jedd kien, qiegħed jew jista' jiġi leż in bażi għall-argumenti sollevati minnu. Kwantu għal liġi penali ordinarja pero, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ilment imressaq fit-tieni eċċezzjoni preliminari.

23. **Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiċħad din it-tieni eċċezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidrat**

24. Illi fit-tielet eċċezzjoni preliminarji, l-akkużat qiegħed jikkontesta r-rapport redatt minn PC 405 Jason Schembri u jitlob l-isfilz tiegħu flimkien mal-esebiti li ġew elevati minnu u dawn huma DOK 18 CRU 201, DOK 18 CRU 202, DOK 18 CRU 203, DOK 18 CRU 204, DOK 18 CRU 205, DOK 18 CRU 206, DOK 18 CRU 207, DOK 18 CRU 208, DOK 18 CRU 209, DOK 18 CRU 210, DOK 18 CRU 211 u dan stante li huwa qatt ma ġie nnominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jespleta tali inkarigu u dan l-istess inkarigu ngħata lil-esperti PC 406 Sean Micallef, WPS 369 Stephanie Cassar u PC 169 Jurgen Schembri li ġew maħtura.

25. Illi r-relazzjoni li l-akkużat qiegħed jagħmel referenza għaliha hija dik esebita f'foljo 496 tal-atti proċesswali. Mill-imsemmija rapport jirriżulta li PC 405 Jason Schembri kien ġie inkarigat mill-Ispettur Frank Anthony Tabone sabiex jeżegwixxi mansjonijiet bħala SOCO u dan bħala parti mill-kors ordinarju tal-investigazzjoni tar-reat. Hekk minn l-ewwel paġna tar-rapport jirriżulta li xogħol PC 405 kien dak li 'jagħmel dak ix-xogħol neċessarju fil-każ imsemmi, liema xogħol jinkludi, tfittix għal xi evidenza forensika li jista' jkun hemm f'dan il-każ, elevar ta' oġġetti w kampjuni neċessarji, filwaqt li jippreserva u jissiġilla dak kollu elevat, u jirrelata lura bil-miktub lill-Ispettur dwar dak kollu li jkun sab u kkonstata'. Din il-mansjoni ġiet spjegata f'iktar dettall ta' fiex kienet tikkonsisti hekk kif PC 405 irrelata bis-segwenti mod:

i) Ix-xogħol kollu li sar mal-wasla fuq il-post ġewwa Triq Begonja Santa Lucia : ġiet indikata lilu – flimkien ma' WPC 369 Stephanie Cassar – vettura tal-għamla Toyota Vitz targata

MUG 022 u fuq informazzjoni mogħtija lilu mill-Ispettur Frank Anthony Tabone, huwa ffotografa l-flus kontanti u ppakjahom f'evidence bags;

ii) Ix-xogħol kollu li sar fi Triq Il-Ġnien f'Santa Lucia : ġie indikat lilu u lil WPC 369 Stephanie Cassar, vann tal-għamla Toyota Hiace targat IBZ 482 fejn huwa ħa ħsieb li jeleva dak li ġie indikat lilu u ċjoe' xkora mdaqqsa kontenenti boroż ta' sustanza suspettata illegali. Huwa ħa ħsieb ukoll li jiddokumenta dawn l-esebiti hekk kif indikat f'paġna 3 tar-rapport tiegħu;

iii) Ix-xogħol kollu li sar ġewwa Dorjo House Triq Eugenio Borg, Ħaż-Żebbuġ : Il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-droga ħadu ħsieb li ssir tfittxija f'din ir-residenza u minn ġewwa l-kamra tas-sodda elevaw sustanza suspettata illegali u PC 405 ħa ħsieb li jeleva dawn l-esebiti u jiddokumenta dawn l-esebiti hekk kif indikat f'paġna 4 tar-rapport tiegħu.

26. Huwa minnu li PC405 ma jirriżultax wieħed mill-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwirenti fil-proces-verbal li jinsab a fol 99 tal-atti. Iżda mill-banda l-oħra jirriżulta li PC405, kif jiddikjara huwa stess, kien ġie mqabbad mill-Ispettur tal-Pulizija Frank Tabone sabiex jassistih fix-xogħol tiegħu ta' pulizija, adett mat-taqsima tal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika tal-Pulizija ta' Malta. Ix-xogħol li għamel PC405 kien xogħol li jista' jsir minn Aġent tal-Pulizija in kwantu ma jirriżultax li huwa kellu xi mansjoni li kienet bilfors teħtieġ il-ħatra ta' espert tekniku fis-sensi tal-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali u l-anqas ma jirriżulta li PC405, f'xi parti tal-qadi tal-inkariku mogħti lilu mill-Ispettur Frank Anthony Tabone esprima xi forma ta' opinjoni dwar dak li huwa kien qiegħed jaħdem fuqu. Anzi jekk xejn huwa illimita ruħu biss sabiex jirrelata dwar dak li rriżulta lilu bħala stat ta' fatt u ċjoe' għamel elenku ta' oġġetti li l-Pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni tagħha, kellha suspett raġonevoli li kellhom x'jaqsmu mar-reati in diżamina. PC405 eleva oġġetti hekk kif indikati lilu, liema oġġetti imbagħad għaddew għand l-esperti nominati fl-Inkjesta' Maġisterjali – WPC 369 Stephanie Cassar u PC 169 Jurgen Schembri[8] – sabiex issir l-analiżi forensika meħtieġa.

27. Fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri** datata 31 ta' Awissu 1998, ikkonfermata fl-appell nhar id-19 ta' April 2001, u li kienet ġiet iċċitata b'approvazzjoni fil-kawża **Ir-**

[8] Hawnhekk din il-Qorti tirrileva li PC 406 Sean Micallef, hekk kif indikat mill-akkużat fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu ma jidhirx li kellu xi involviment f'dan il-każ skont ma jirriżulta mill-verbal datat 16 ta' Ottubru 2019 a foljo 525 tal-atti proċesswali.

**Repubblika ta' Malta vs. John Spiteri** datata 13 ta' Ottubru 2005, intqal hekk:

> "Kif inhu risaput, fil-Kodici Kriminali persuna tigi mahtura espert meta l-Qorti tkun tal-fehma li ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun mehtiega hila jew sengha specjali (Art. 650 (1)). Dak li jikkaratterizza u jiddistingwi xxhud espert minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia l-fehma tieghu (Art. 656) a rigward ta' l-ezami li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irrid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, il-velocita` li jkun ra vettura ghaddejja biha) jillimita ruhhu ghall-dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi.
>
> ""The general rule is that witnesses may only give evidence of facts personally percieved and not evidence of opinion, i.e., evidence of inferences drawn from such facts" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, p. 1840, para. F10.1)
>
> "Fil-Kodici Kriminali taghna propjament ma hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti milli tinnomina bhala espert membru talKorp tal-Pulizija. Fl-intendiment tal-legislatur penali lindipendenza tal-persuna hekk nominata u l-ekwidistanza tieghu mill-partijiet fil-kawza tigi garantita propju bil-fatt li tkun giet nominata mill-Qorti u ma tkunx ingiebet bhala xhud ex parte. Izda f'dawn l-ahhar snin kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, stabbilew certi principji intizi biex filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni shiha tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat jigi assigurat ukoll li l-Qrati ma jinfatmux mir-realtajiet tas-socjeta` li fiha joperaw, b'mod li "jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interess tas-Socjeta` li tipprotegi ruhha kontra reati ta' certa gravita`" (Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263). Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-segwenti sentenzi: Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, supra; Il-Pulizija v. Longinu Aquilina, Q.Kost., 23/1/92; Il-Pulizija v. Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q.Kost., 30/4/93; u Il-Pulizija v. Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q.Kost., 31/7/96. Minn qari akkurat ta' dawn is-sentenzi johorgu zewg principji li fil-prattika gew segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin, u cioe`:
>
> "(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Art. 650 tal-Kap. 9**, u li jekk dawn xorta' wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe' biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet qua esperti**[9]; u
> "(ii) li Dott. Anthony Abela Medici u, semble, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Korp tal-Pulijiza), ghalkemm jahdmu fil-Forensic Science Laboratory[10] li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrisulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita' mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-in genere, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-insemmi imputat jew akkuzat.

---

[9] Emphasis of this Court.
[10] This applies in relation to the appointment of PC 1525 Patrick Farrugia as an expert and the work carried out by PS 169 Jurgen Schembri as a member of the police force stationed at the FSL.

“**Din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tiddipartixxi minn dawn iz-zewg principji**[11], li, kif inghad, gew fil-prattika segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin (kif jirrisulta mill-fatt, per ezempju, li Dott. Anthony Abela Medici u Christopher Farrugia xehdu bhala esperti f'ghexieren jekk mhux f'mijiet ta' kawzi minghajr qatt ma kien hemm l-icken dubbju dwar ir-regolarita` tan-nomina taghhom). Il-fatt li dawn i-pajzana jahdmu fil-F.S.L. jew ghandhom "konnessjonijiet" ma' dan il-laboratorju peress li jigu imqabbda ta' spiss mill-magistrati inkwirenti u/jew mill-Qorti Istruttorja, ma jfissirx li dawn ma humiex imparzjali jew indipendenti ghall-finijiet tal-kwistjoni in ezami. Anzi, wiehed jista' jghid li propju ghax jigu appuntati hekk ta' spiss bhala esperti huma ghandhom dik l-esperjenza mehtiega, apparti facilitajiet ta' laboratorju, biex ikunu jistghu iwettqu bl-ahjar mod il-kompitu lilhom assenjat. Kieku kien mod iehor ebda magistrat ma jista' jiggudika f'kawza peress li, bhala magistrat inkwirenti -- fil-kors tal-inkjesti dwar l-in genere - - hu ghandu konnessjonijiet mill-qrib hafna mal-Pulizija Ezekuttiva u prattikament ikun qieghed jagixxi ta' investigatur mal-pulizija jew, xi mindaqqiet, minflokhom.

28. Bl-istess mod fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat**, deċiża nhar it-30 ta’ Ottubru 2020, fir-rigward tax-xogħol magħmul minn PS 1162 Manwel Saliba fil-vesti tiegħu ta’ membru tal-korp tal-Pulizija (u li wkoll ma kienx maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti) il-Qorti Kriminali qalet hekk:

Illi spjanati dawn il-fatti kumpilatorji huwa evidenti illi dak li jaghmel ix-xhud fix-xiehda tieghu huwa li jispjega il-kors li hadet l-invetsigazzjoni u x-xoghol minnu kondott u ghalhekk il-Qorti tqies illi ma hemm xejn li jista’ jitqies inammissibbli fil-kontenut tax-xiehda tieghu u d-dokumenti minnu esebieti fejn jaghti dehra vizwali tax-xoghol illi sar minnu. Illi firrigward tat-tqabbil li sehh bejn id-dghajsa li tidher fil-filmati tas-16 ta’ Ottubru 2017 u dawk tat-23 ta’ Novembru 2017, u dan bil-ghan li jigi stabbilit jekk id-dghajsa Maya li tappartjeni lill-akkuzat George Degiorgio setatx kienet l-istess wahda li tidher fil-filmati tas-16 ta’ Ottubru 2017, dan l-ezercizzju sar mill-esperti nominati mill-Inkwirenti (Keith Cutajar u l-Kaptan Reuben Lanfranco) u allura huma dawn ix-xhieda li jistghu jikkonfermaw o meno dan il-fatt allegat u li kien qed jemergi mill-investigazzjonijiet, b’dan ghalhekk illi fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, l-Imhallef togat ghandu jaghti dik id-direzzjoni opportuna lil gurati meta jigu biex iqiesu x’piz ghandha tinghata dina l-prova li qed issir permezz tax-xiehda tal-PS1152 Manwel Saliba.

29. Din id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali ġiet ukoll konfermata fl-appell fejn ukoll ġie mistqarr is-segwenti:

Illi l-ezercizzju maghmul minn PS1152 u minnu dokumentat jiswa bhala spjega tal-parti tieghu fl-investigazzjoni. **Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, dak l-istess xoghol sar sussegwentement mill-esperti nominati**.[12] Mkien ma hu suggerit fl-atti kompilatorji illi ir-rizultanzi ta’

[11] Enfażi ta’ din il-Qorti.
[12] Enfażi ta’ din il-Qorti.

PS1152 huma xi forma ta' prova hlief sabiex juri x'wassal lill-prosekuzzjoni, pass wara l-iehor, **sabiex ikunu eventwalment mahtura l-esperti f'dak il-kamp li ghaddew biex jespletaw l-inkarigu taghhom fuq il-filmati awtentici.** Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun tichad din l-eccezzjoni u konsegwentement l-aggravju qed ikun michud fl-intier tieghu kwantu jolqot l-eccezzjonijiet 26, 27 u 28;

30. Il-fatt li PC450 ma ġiex maħtur espert mill-Maġistrati Inkwirenti ma jfissirx li huwa ma kellux is-setgħa jagħmel ix-xogħol li jagħmel fil-vesti tiegħu ta' Aġent tal-Pulizija. Mill-banda l-oħra dak ix-xogħol li huwa għamel kien wieħed kompatibbli ma dak li jista' jagħmel xhud ordinarju li wkoll ikun jilbes l-uniformi ta' Membru tal-Korp tal-Pulizija. Din il-Qorti ma tara xejn irregolari fil-fatt li huwa wettaq parti minn xogħolu u li mbagħad irraporta lill-Ispettur li inkarigah u lil Qorti li eventwalment ġie msejjaħ jixhed quddiemha dwar ix-xogħol li huwa għamel bħala membru tal-Korp tal-Pulizija li kienet qegħda tinvestiga dan il-każ.

31. **Għalhekk, din il-Qorti sejra tiċħad din it-tielet eċċezzjoni preliminari.**

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tiddeċiedi bil-mod segwenti:**

1. **Qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari in kwantu din kienet ġiet irtirata mid-Difiża.**
2. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari.**
3. **Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari.**

**Stante li ma għad fadal ebda eċċezzjonijiet x'jiġu deċiżi, il-kawża qegħda tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.**

**Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**